Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/339

21.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/339

tad-19 ta' Frar 2025

li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni, tal-preżentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali u tal-preżentazzjoni tar-rapport annwali ta' implimentazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6d(1), il-punti (a), (b) u (c) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220 introduċa miżura ġdida li tipprovdi appoġġ temporanju eċċezzjonali b'reazzjoni għall-impatt tad-diżastri naturali, li għandha tiġi ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) fi ħdan il-qafas legali applikabbli fil-perjodu ta' programmazzjoni għall-2014–2020, kif estiż minn dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) fir-rigward tal-preżentazzjoni, tal-monitoraġġ u tar-rapportar marbuta mal-programmi tal-iżvilupp rurali u għalhekk għandu japplika l-miżura l-ġdida. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti regoli addizzjonali biex jiġi żgurat li l-miżura l-ġdida tiġi implimentata b'mod uniformi fi ħdan il-qafas legali applikabbli.

(3) Jenħtieġ li, sabiex il-miżura l-ġdida introdotta bl-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220 tiġi implimentata permezz tal-programmi tal-iżvilupp rurali, jiġu pprovduti kodiċi tal-miżura u indikatur tal-output xieraq għal dik il-miżura l-ġdida.

(4) Jenħtieġ li, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-deroga mill-prinċipju ta' nonrigressjoni kif previst fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2020/2220, l-Istati Membri jressqu l-informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni riallokata għall-miżura rilevanti msemmija fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

([1]) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2220/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/808/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1305/oj).

(5) Jenħtieġ li, minħabba l-urġenza relatata mal-impatt tad-diżastri naturali, dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Jenħtieġ li, fid-dawl tal-effetti devastanti tad-diżastri naturali attwali u tal-urġenza li jiġi indirizzat u mmitigat l-impatt tagħhom fuq is-setturi agroalimentari u tal-forestrija tal-Unjoni, l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jibdew jimplimentaw il-miżura msemmija fl-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220 hekk kif jidħlu fis-seħħ il-modifiki introdotti bir-Regolament (UE) 2024/3242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Għalhekk, jixraq li dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni japplika mid-data tal-pubblikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/3242 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220, u b'mod partikolari l-inklużjoni tagħha fil-programmi tal-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni għall-2014–2020 tal-FAEŻR, kif estiż b'dak ir-Regolament, il-miżura u l-kodiċi tas-submiżura tiegħu msemmija fil-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014 għandhom ikunu 23 (M23).

Artikolu 2

Għall-fini tal-implimentazzjoni tad-deroga msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2020/2220, l-informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni riallokata għall-miżura msemmija fl-Artikolu 18(1)(b), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandha tiġi prevista fil-punt (c) tal-pjan ta' finanzjament imsemmi fil-Parti I, il-punt 10, tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014.

Artikolu 3

Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220, għandu jintuża l-Indikatur tal-prestazzjoni RD O.4, kif stabbilit fil-punt 3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014.

Artikolu 4

Ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u fl-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandu jinkludi wkoll it-tqassim kif imsemmi fl-Anness VII, it-Tabella C tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014 fir-rigward tal-miżura msemmija fl-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2024/3242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali (ĠU L, 2024/3242, 23.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3242/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1303/oj).

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-23 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN